# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, il-Ġimgħa, 16 ta' Ġunju, 2023

**Kawża Nru. 2**

**Rik. Nru. 12/2022 ISB**

**Albert k/a Robbie Borg (838147M)**

**Qawra Inn Limited (C 42666)**

**vs**

**Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti,**

Rat **<u>ir-rikors ġuramentat</u>** ta' **Albert k/a Robbie Borg**, intavolat fit-8 ta' Frar 2022, li permezz tiegħu huwa talab lil-Qorti sabiex:-

> *"...tiddikjara u tiddeciedi illi (i) l-ammont pretiz bhala penali kif fuq indikat mhux dovuta mill-esponenti u (ii) tiddikjara konsegwentement li fil- konfront ta` l-esponent l-avviz mahrug bid-*

*data tad-20 ta' Jannar 2022, ma jikkostitwixxi l-ebda titolu ezekuttiv."*

U dan wara li ppermetta:

1. *Illi l-esponenti gie notifikat b`ittra ufficjali numru 266/22 fl-ismijiet inversi li kienet giet ipprezentata mir-Registratur tal-Kumpanniji kontra r-rikorrenti fil-20 ta' Jannar 2022 (Dok. "A");*

2. *Illi permezz tal-imsemmija ittra ufficjali r-rikorrenti gie formalment notifikat bl-hemm annessi avvizi dwar l-impozizzjoni ta` penalijiet allegatament ammontanti ghas-somma ta` sebat ' elef u sitta u tletin sewro u hamsin centezmu (€7,036.50) u gie ukoll interpellat biex ihallas l-imsemmija somma flimkien mal-ispejjez u penalijiet ohra allegatament dovuti ghar-ragunijiet premessi fil-precitata ittra ufficjali;*

3. *Illi l-precitata pretenzjoni tar-Registratur tal-Kumpanniji dedotta permezz tal-fuq imsemmija ittra ufficjali u anke l-avvizi hemm annessi huma bbazati fuq suppozizzjonijiet u konsiderazzjonijiet li huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghalhekk ma jikkonkorrux ic- cirkostanzi li huma necessarji skont il-ligi biex jintitolaw lill-imsemmi Registratur tal-Kumpanniji sabiex juzufruwixxi mill-procedura elenkata fl-artikolu 401(4) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta) u ghalhekk kemm l-imsemmija ittra ufficjali kif ukoll l-avvizi maghha annessi huma illegali u nulli, u dana kif ser jigi spjegat u ppruvat ahjar waqt it- trattazzjoni ta` dan ir-rikors;*

4. *Illi aktar minn hekk, r-Registratur intimat ma jaghti l-ebda spjega ta' kif wasal ghal cifri u s-somma mitluba;*

5. *Illi bla pregudizzju ghal dan, l-esponenti umilment jissottometti li huwa ma kellu assolutament ebda kontroll fuq in-nuqqas ta' sottomissjoni tal-kontijiet annwali stante li dawn riedu jinhadmu minn l-Awditur li jidher li minhabba nuqqas ta' kooperazzjoni mill-Bank li jissupplixxu d-dokumenti rikjesti ma setghax jikkonkludi;*

6. *Illi sahansitra sabiex il-Bank jikkopera kellha tintalab l-ghajnuna tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ;*

7. *Illi l-esponenti ghamel dak kollu possibli u agixxa bi prudenza u ghamel dak kollu li kien fil-poter tieghu sabiex jghadi dawk id-dokumenti kollha li kienu fil-pussess tieghu lill-awditur sabiex jaghmel il-kontijiet annwali tal-socjeta Qawra Inn Ltd;*

8. *Illi aktar minn hekk l-impozizzjoni tal-penali addizzjonali hija drakonjana u eccessiva u tmur kontra il-Konvenjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;*

9. *Illi bhala stat ta' fatt huwa lanqas ghandu direttur tas-socjeta Qawra Inn Ltd u ghalhekk ma hux f'pozizzjoni li jissottometti l-kontijiet annwali;*

Rat **id-dokumenti** ppreżentati mar-rikors ġuramentat (fol 5 sa fol 7);

Rat **id-digriet** tagħha tal-4 ta' Marzu 2022 fejn ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tad-9 ta' Marzu 2022 fil-12:15 p.m.;

Rat **ir-risposta ġuramentata** tar-Reġistratur tal-Kumpaniji intavolata fit-23 ta' Marzu 2022 li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:

1. *Illi s-soċjetà Qawra Inn Limited (C 42666) kienet ġiet reġistrata fit-23 t'Ottubru 2007;*

2. *Illi r-rikorrenti Albert sive Robbie Borg (K.I.838147M) kien ilu direttur, fost kapaċitajiet oħra mir-reġistrazzjoni tal-kumpanija sa l-4 ta' Novembru 2021.*

3. *Illi matul dan il-perijodu ta' żmien ta' kemm ilha reġistrata dina l-kumpanija, il-kontijiet annwali għas-snin 2011 sal-2021 qatt ma ntbagħtu skont kif jitlob minnha l-Att dwar il-Kumpaniji 1995.*

4. *Illi ukoll il-prospett annwali għas-sena 2019 baqa' ma ntbagħatx lir-Reġistratur tal-Kumpanniji.*

5. *Illi tali nuqqas wassal lir-Reġistratur sabiex jimponi ħlas penali skond l-artikoli 183 u 184 tal-Att fejn jipprovdi illi fin-nuqqas ta' tħaris tad-dispożizzjonijiet tal-imsemmijin artikoli, kull uffiċjal tal-kumpanija li jkun naqas jiġi suġġett għall-penali oħra kull jum li matulu jkompli tali nuqqas.*

6. *Illi f'dan il-każ, il-penali dovuti mill-kumpanija u mill-uffiċjali tagħha għadhom qegħdin jiġu mposti sal-ġurnata ta' llum.*

7. *Illi r-Reġistratur tal-Kumpanniji ma jistgħax jidħol fl-affarijiet interni tal-kumpannija rigward ir-raġunijiet li taw lok għan-nuqqas tal-kumpannija, kif fuq imsemmi.*

8. *Illi r-Reġistratur jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tikkonferma u tiddeċiedi illi l-penali mitluba minnu skont il-provedimenti tal-Att dwar il-Kumpaniji jiġu mħallsa fl-ammont*

*totali tagħhom mis-Sur Albert sive Robbie Borg bħala direttur tal-kumpanija sal-4 ta' Novembru 2021. Dan għaliex direttur ma jista' bl-edba mod jeżonera ruħha mid-dmirijiet tiegħu u tali obligazzjonijiet.*

Rat illi fl-udjenza tat-3 ta' Ġunju 2022, deher l-Avukat Jason Grima għar-rikorrenti u l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur intimat.

Rat illi fl-udjenza tat-3 ta' Ġunju 2022, ir-rikorrent **Albert Borg** ikkonferma bil-ġurament u ppreżenta affidavit tiegħu stess (fol 26) u xehdet **Joanna Bartolo** in rappreżentanza tal-Bank of Valletta plc.

Rat illi fl-udjenza tal-14 ta' Ottubru 2022, xehed l-**Awditur Christopher Spiteri** u ppreżenta numru ta' dokumenti (Dok CS1 sa Dok CS7, fol 35 sa fol 72), xehdet **Joanna Bonanno** in rappreżentanza tal-Bank of Valletta plc, **Lorraine Attard** in rappreżentanza tal-HSBC Bank (Malta) plc u r-rikorrent **Albert k/a Robbie Borg** u ppreżenta dokument (Dok RB1, fol 78 sa fol 84). Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensur tar-rikorrenti li m'għandux aktar provi x'jipproduċi.

Rat illi fl-udjenza tat-18 ta' Jannar 2023, xehed ir-rikorrent **Albert k/a Robbie Borg**. Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensur tal-intimat li m'għandhiex aktar provi x'tipproduċi.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent Albert k/a Robbie Borg.

Rat illi fl-udjenza tal-14 ta' April 2023, il-partijiet qablu li l-kawża tista` titħalla għad-deċiżjoni u għalhekk ġiet differita għall-udjenza ta' llum għad-decizjoni.

Rat l-atti kollha l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrenti ai termini tal-**artikolu 401 tal-Kap 386** tal-Liġijiet ta' Malta in segwitu għall-ittra uffiċjali bir-referenza 266/22 u li permezz taghha r-rikorrenti ġew interpellati mir-Reġistratur intimat sabiex iħallsu is-somma ta' sebat' elef u sitta u tletin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€7,036.50), rappreżentanti penali li ġew inkorsi minħabba li allegatament huma kienu naqqsu milli josservaw il-provvedimenti tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, għal liema pretensjonijiet ir-rikorrent qeghdin joġġezzjonaw.

Ir-rikorrenti jikkontendu li l-pretensjoni tal-intimat Reġistratur tal-Kumpanija kif dedotta fl-imsemmija ittra uffiċjali huma bbażati fuq suppożizzjonijiet u konsiderazzjonijiet li huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u għalhekk ma jikkonkorrux iċ-ċirkostanzi li huma neċessarji skont il-liġi sabiex ir-Reġistratur intimat jagħmel użu mill-proċedura kif dedotta mill-artikolu 401(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta. Isostnu li kemm l-ittra uffiċjali u kemm l-avviż anness magħha huma illegali u nulli.

Isostnu ulterjorment illi r-Reġistratur intimat ma jagħti l-ebda spjegazzjoni ta' kif wasal għac-ċifri u s-somma mitluba. Jgħid li r-raġuni għan-nuqqas ta' sottomissjonijiet tal-kontijiet annwali kienet attribwibbli għan-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-Bank li jissupplixu d-dokumenti rikjesti mill-Awditur, li minħabba dan in-nuqqas ma setax jikkonkludi. Isostni li f'dan ir-rigward saħansitra kienet mitluba l-għajnuna tal-Awtoritá għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta.

Jikkontendi li minn naħa tiegħu għamel dak kollu li kien possibli sabiex jgħaddi d-dokumenti kollha li kienu fil-pussess tagħhom sabiex l-awditur ikun jista' jagħmel il-kontijiet annwali tas-soċjeta' rikorrenti. Isostni li l-impożizzjoni tal-penali addizzjonali hija drakonjana u eċċessiva u tmur kontra il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Ir-rikorrent jikkontendi li bħala stat ta' fatt huwa lanqas għadu direttur tas-soċjeta' Qawra Inn Ltd u għalhekk ma hux f'pożizzjoni li jissottometti l-kontijiet annwali.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Minn naħa tiegħu l-**intimat Reġistratur tal-Kumpaniji** jgħid li s-soċjeta' rikorrenti Qawra Inn Limited (C 42666) kienet ġiet reġistrata fit-23 t'Ottubru 2007 u r-rikorrent Albert sive Robbie Borg kien direttur, fost kapaċitajiet oħra.

Jispjega li matul dan il-perjodu ta' żmien il-kontijiet annwali għas-snin 2011 sal-2021 qatt ma ntbagħtu skont kif jitlob l-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta. Isostni li għalhekk ir-Reġistratur impona ħlas ta' penali skont l-artikoli 183 u 184 tal-Kap 386 u għalhekk il-penali dovuti mill-kumpanija u mill-uffiċjali tagħha għadhom qegħdin jiġu mposti sal-ġurnata ta' llum.

Jgħid li ma jistax jidħol fl-affarijiet interni tal-kumpanija rigward ir-raġunijiet li taw lok għan-nuqqas tal-kumpannija. Isostni li għal dawn ir-raġunijiet il-penali kif mitluba għandhom jiġu kkonfermati u għandhom jiġu mħallsa mir-rikorrent Albert sive Robbie Borg bħala direttur tal-kumpanija sal-4 ta' Novembru 2021.

## Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi mill-provi jirriżultaw is-segwenti fatti:

Fl-affidavit tiegħu ir-rikorrent **Albert sive Robbie Borg** jispjega li huwa d-direttur tas-soċjeta' Qawra Inn Ltd, li kienet ġiet iffurmata sabiex topera u tiggestixxi l-lukanda Qawra Inn Hotel, liema lukanda kienet tiġi ġestita mis-soċjeta' Palm Court Ltd.

Jispjega li Palm Court Limited kienet tpoġġiet f'*recovery* mill-Bank of Valletta plc stante li ma kinitx qed tħallas il-pagamenti kollha li kienet obbligata tħallas lill-bank u għalhekk sabiex il-lukanda tkompli topera kellu jifforma l-kumpanija Qawra Inn Ltd, liema kumpanija bdiet tiggestixxi hi l-lukanda għal ħabta tas-sena 2010 u baqgħet tagħmel dan sa Settembru tas-sena 2011.

Jgħid li meta ngħalqet il-lukanda Palm Court Ltd kien għad baqa' bilanċ ta' somma sostanzjali ta' flus li kienet ġabret mingħand l-operaturi tal-ivvjaġġar, liema bilanċ kellu jgħaddi għand is-soċjeta' rikorrenti iżda baqa' qatt ma' għadda.

Jispjega li minħabba li l-Bank of Valletta plc kien poġġa lis-soċjeta' Palm Court Ltd f'*recovery* ma baqgħux jintbagħtu *statements* u prattikament qatgħu l-komunikazzjoni kollha miegħu.

Jgħid li minħabba din is-sitwazzjoni, l-awditur Chris Spiteri ma setax jagħmel l-*audits* tas-soċjeta'. Jispjega li minħabba li Qawra Inn Ltd kienet assoċjata mal-Palm Court Ltd u peress li Palm Court Ltd kellha tħallas bilanċ lis-soċjeta' rikorrenti, l-Awditur Chris Spiteri kien infurmah li ma setax jikkunkludi l-audits taż-żewġ soċjetajiet. Jispjega li kien iċempel lill-imsemmi Bank regolarment sabiex jitlob il-*bank statements* iżda kien jibqa' mingħajr informazzjoni.

Jgħid li fis-sena 2021, fuq parir tal-Arbitru tas-Servizzi Finanzjarji kien tkellem mal-Awtorita' dwar is-Servizzi Finanzjarji dwar is-sitwazzjoni fejn ġie nfurmat li l-Bank in kwistjoni ma kellux nies biżżejjed biex jaħdem, iżda wara l-intervent tal-Aworita`, ingħata l-informazzjoni mitluba u għalhekk l-Awditur beda jaħdem fuq l-audits taż-żewġ soċjetajiet, liema audits ingħalqu u ġew sottomessi.

Jgħid li llum hu inkariga lill-awditur John Zammit sabiex tiġi regolarizzata il-pożizzjoni ta' Palm Court Ltd. Jispjega li hu minn naħa tiegħu tul is-snin għamel dak kollu li kien possibli minnu sabiex iż-

żewġ soċjetajiet ikollhom kollox fl-ordni iżda l-ostakli l-kbar minn naħa tal-Bank u tal-awditur ma ppermettewx li dan isir.

F'kontinwazzjoni tax-xhieda tiegħu, ir-rikorrent ippreżenta numru ta' *acknowlegdements* mill-Malta Business Registry li juru li l-kontijiet annwali ta' Palm Court Limited (C 2677) mis-sena 2012 sas-sena 2018 ġew sottomessi.

In **kontro-eżami** jgħid li hu kien direttur tas-soċjeta' rikorrenti Qawra Inn Limited mill-bidu nett u sar segretarju f'Novembru 2013. Jikkonferma li fil-15 ta' Frar 2022, ġew sottomessi l-kontijiet annwali kollha tal-istess kumpannija mill-2011 sas-sena 2020, u ċioe għaxar (10) snin wara. Jispjega li din it-tardivita` kienet attribwita għal fatt li l-Bank of Valletta kien tefa` l-*mother company* Palm Court Limited fi proċedura t'irkupru u rrifjutaw li jagħtu rendikont sakemm hu jħallas dak li kellu jagħti lill-istess bank u beda jħallashom fl-2016 imbagħad biegħ il-lukanda bejn l-2018 u l-2020 u fl-2019 ingħata r-rendikont wara intervent tal-Awtorita dwar is-Servizzi Finanzjarji f'Malta. Jgħid li wara dan hu rriżenja mill-karigi ta' direttur u segretarju u baqa' biss azzjonist tal-istess kumpanija li bħalissa mhix topera.

Fix-xhieda tagħha, **Joanna Bartolo in rappreżentanza tal-Bank of Valletta plc** tgħid li ma rriżulta l-ebda kont bankarju f'isem il-kumpanija Qawra Inn Limited (C 42666). Tgħid li fir-rigward tas-soċjeta' Palm Court Ltd bejn is-sena 2011 u s-sena 2021 irriżultawlha wieħed u għoxrin (21) kont.

Mistoqsija dwar kienx hemm diffikultajiet sabiex is-soċjeta' jew id-diretturi tagħha jingħataw *statements* tgħid li dawn huma drittijiet tal-kumpanija u jekk kemm -il darba jkollhom il-faċilita` ta' *internet banking* jistgħu jarawhom huma stess.

Tikkonferma li tnax (12) mill-kontijiet kienu ndikati bħala *listed* u ċioe` li jkunu mar-*recovery department* tal-Bank li llum huma magħluqin. Tgħid li minn dawn it-tnax (12) -il kont baqa biss tnejn (2) miftuħin u li fihom għad hemm bilanċ.

Mistoqsija mill-Qorti dwar jekk kienx hemm fondi sostanzjali fil-kontijiet li ingħalqu tgħid li l-uniku kont li kellu ammont sostanzjali fih kien *savings account* fil-Lira Sterlina li sakemm ingħalaq fis-sena 2011 kien fih tlieta u erbgħin elf (43,000).

Tgħid li m'għandhiex informazzjoni li qatt kien hemm xi diffikultajiet biex ir-rendikont jiġi aċċessat u tikkonferma li dawn huma dritt tal-klijent.

Fix-xhieda tiegħu l-**Awditur Christopher Spiteri** jgħid li r-rikorrent kellu grupp ta' kumpaniji, fosthom Palm Court Ltd u Qawra Inn Limited, li hu kien l-awditur tagħhom mill-2005 'l quddiem. Jispjega li sabiex isiru l-kontijiet annwali ta' Qawra Inn Limited u l-kumpaniji ż-żgħar l-oħra, kien jeħtieġ li l-ewwel isiru dawk ta' Palm Court Ltd bħala l-kumpanija li kienet tiffinanzja lill-kumpaniji l-oħra bl-operat tagħha.

Jispjega li Palm Court Ltd kellha faċilitajiet bankarji mal-Bank of Valletta plc u r-rikorrent kien ilu mis-sena 2010 jiġri wara l-Bank sabiex ituh ir-rendikonti relatati pero` kien hemm sitwazzjoni fejn il-Bank of Valletta ffriżaw l-kont u kellu saħansitra jbiegħ id-dar tiegħu sabiex iħallas izda r-rendikonti qatt ma ġew.

Jikkonferma li l-problema tan-nuqqas ta' rendikonti kellha involviment kbir fil-fatt li ma ġewx sottomessi l-kontijiet annwali. Jispjega li meta r-rendikonti ġew mogħtija lilhom fl-2021, saru l-*audits* kollha. Ix-xhud ppreżenta numru ta' korrispondenza f'dan ir-rigward li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom. Ix-xhud ippreżenta wkoll kopja tal-kontijiet annwali tas-sena 2020 li ġew sottomessi lil Malta Business Registry taż-żewġ soċjetajiet, li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom.

In kontro-eżami, jikkonferma li fi Frar 2022 ġew sottomessi l-kontijiet annwali kollha mis-sena 2007 sal-aħħar tas-sena 2020.

Fix-xhieda tagħha **Lorraine Attard in rappreżentanza tal-HSBC** tgħid li fir-rigward tas-soċjeta' rikorrenti, il-bank kellu żewġ kontijiet - wieħed ingħalaq fl-10 ta' Marzu 2017 u l-ieħor fil-5 ta' Diċembru 2019. Mistoqsija in kontro-eżami x'bilanċi kellhom il-kontijiet meta ngħalqu, tgħid li m'għandhiex dik l-informazzjoni.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi mis-sottomissjonijiet magħmula mill-partijiet, il-Qorti tislet is-segwenti:

Minn naħa tiegħu, ir-rikorrent jissottometti li huwa ġie notifikat b'avviżi li fuqhom ġew imposti penalijiet li jammontaw għal sebat' elef u sitta

u tletin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€7,036.50), liema penalitajiet ġew imposti fuq ir-rikorrent li kien direttur tas-soċjeta' Qawra Inn Limited bis-saħħa tal-artikolu 401(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

Isostni li ma kienx hemm lok u ċirkostanzi sabiex l-intimat Reġistratur jagħmel użu minn din il-proċedura u lanqas ma jagħti spjegazzjoni dwar kif wasal għaċ-ċifri u s-somma mitluba.

Jissottometti li hu ma kellu assolutament ebda kontroll fuq in-nuqqas ta' sottomissjoni tal-kontijiet annwali tas-soċjeta' Qawra Inn Ltd u dana stante li kif xehed l-awditur Christopher Spiteri, il-kontijiet annwali ta' din is-soċjeta' kienu jiddependu fuq l-awditjar tas-soċjeta' Palm Court Limited li kellha djun mal-bank u ġie mqiegħda fi proċeduri ta' rkupru mill-istess bank. Jispjega li minħabba dawn iċ-ċirkostanzi l-bank ma riedx jirrilaxxa rendikonti u b'konsegwenza ta' dan ma setax jiġi finalizzat l-awditjar.

Jispjega li wara li tħallsu d-djun, bl-intervent tal-Awtorita' għas-Servizzi Finanzjarji f'Malta, il-bank irrilaxxa r-rendikonti u fi żmien qasir sar l-awditjar taż-żewġ soċjetajiet. Jgħid li għamel dak kollu li kien possibli sabiex l-awditjar ikun jista' jsir u fil-fatt ħallas id-djun u l-kontijiet ġew magħluqa. Jgħid għalhekk li ma jkunx ġust li l-penalitajiet jiġu mposti fuqu personali.

## Ikkunsidrat ulterjorment:

Il-proċedura dwar kif persuna tappella minn avviż dwar penali imposti mir-Reġistratur tal-Kumpaniji tinsab fl-artikolu 401(3) sa (16) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħidu testwalment hekk:

> *(3) Meta r-Reġistratur jagħti avviż bil-miktub lil xi persuna lidik il-persuna saret suġġetta għal penali taħt dan l-Att li jispeċifikax-xorta tal-ksur tal-liġi u jindika ammont dovut bħala penali għaldak ir-reat, il-persuna li lilha jkun ingħata l-avviż titqies, bla ħsaragħad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli minn (4) sa (17), li tkun weħlet penali taħt dan l-Att, kif ukoll xi penali dovuta għal kull jumli matulu n-nuqqas ikompli u l-ammont indikat kif intqal qabel li hu dovut bħala penali għandu jitqies li jkun il-penali dovut taħt dan l-Att għall-ksur tal-liġi speċifikat fl-avviż*
>
> *(4) Avviż kif imsemmi fis-subartikolu (3) għandu, man-notifika ta' kopja tiegħu bil-mezz ta' att ġudizzjarju lill-persuna*

*murija fl-avviż, jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-effetti u l-finijiet kollha tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili kemm-il darba dikil-persuna fi żmien tletin jum mid-data ta' dik in-notifika ma tibdixproċedimenti quddiem il-qorti fejn toġġezzjona għall-penali hekkstabbilita.*

*(5) Meta xi persuna tkun tixtieq tibda proċedimenti biex toġġezzjona għal penali imsemmija fis-subartikolu (3), dawk il-proċedimenti għandhom jibdew b'rikors kontra r-Reġistratur.*

*(6) Ir-rikors għandu, taħt piena ta' nullità, jgħid b'mod ċar u fil-qosor ix-xorta tal-oġġezzjoni, il-fatti li minnhom inqalgħet l-oġġezzjoni, ir-raġunijiet għaliex dik l-oġġezzjoni għandha tkun milqugħa, u t-talba li l-penali ma tkunx dovuta skont il-liġi tkun dovuta skont il-liġi f'ammont iżgħar.*

*(7) Il-qorti ma għandiex tannulla jew tnaqqas penali kif intqal qabel kemm-il darba dik il-penali ma tkunx tista' skont il-liġi tkun imposta fiċ-ċirkostanzi tal-każ, jew ma tistax skont il-liġi tkun imposta fl-ammont stabbilit mir-Reġistratur.*

*(8) Ir-rikorrent għandu jehmeż mar-rikors dawk id-dokumenti kollha li jsostnu t-talba tiegħu li jkun jista' jipproduċi, u għandu jindika fir-rikors tiegħu l-ismijiet tax-xhieda kollha li jkun bi ħsiebu jressaq u jgħid, dwar kull wieħed, il-prova li jkun bi ħsiebu jagħmel.*

*(9) Il-qorti għandha, mingħajr dewmien, tqiegħed ir-rikors għas-smigħ f'data kmieni, liema data ma għandha f'ebda każ tkun iktar tard minn tletin jum mid-data tal-preżentata tar-rikors.*

*(10) Ir-rikors, u l-avviż tad-data stabbilita għas-smigħ, ikunu notifikati lir-Reġistratur mingħajr dewmien, u l-imsemmi Reġistratur għandu jippreżenta r-risposta tiegħu fi żmien ħmistax-il jum mid-data tan-notifika tar-rikors.*

*(11) Ir-Reġistratur għandu, fir-risposta tiegħu, jgħid b'mod ċar u fil-qosor jekk jaqbilx mal-fatti dikjarati fir-rikors, u r-raġunijiet għaliex joġġezzjona għat-talba; dan għandu ukoll jiddikjara fir-risposta tiegħu x-xhieda li jsostnu r-raġunijiet tiegħu u jehmeż magħha d-dokumenti kollha li jsostnuhom.*

*(12) Fil-jum stabbilit għas-smigħ tar-rikors, il-qorti għandha tikkunsidra l-kwistjonijiet ta' fatt u ta' liġi li jistgħu jkunu biss aċċertati mir-rikors, risposta jew dokumenti ppreżentati, minn kull waħda mill-partijiet, jew mix-xiehda ndikati minn kull waħda mill-partijiet fir-rikors jew fir-risposta, skont il-każ, jew mis-sottomissjonijiet verbali ta' kull waħda mill-partijiet.*

*(13) Il-qorti għandha tisma' r-rikors sakemm ikun mitmum fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mid-data stabbilita għas-smigħ oriġinali tar-rikors, u ma jingħata ebda aġġornament ħlief jew bil-kunsens taż-żewġ partijiet, jew għal raġuni eċċezzjonali li tkun reġistrata mill-qorti, u dik id-data aġġornata għandha tkun mhux iktar tard minn dak li hu ġustifikat għal dik ir-raġuni.*

*(14) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu,id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u ProċeduraĊivili dwar provedimenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandhom japplikaw dwar kull rikors bħal dak.*

*(15) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 256(2) tal-Kodiċita' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, it-titolu eżekutiv imsemmi fis-subartikolu (4) ma jkunx jista' jiġi nfurzat qabel ma jgħaddu tletin jum min-notifika tal-att ġudizzjarju hemmhekk imsemmi.*

*(16) Id-deċiżjoni tal-qorti fuq rikors imsemmi fis-subartikolu(5), li tikkonferma l-impożizzjoni ta' penali stabbilita mir-Reġistratur jew li tnaqqas dik il-penali, għandha, meta ssir res judicata,titqies li hi deċiżjoni tal-qorti li tordna l-ħlas mir-rikorrent tal-penali kif konfermata jew imnaqqsa.*

**Ikkunsidrat**:

Il-Qorti tibda biex tosserva li f'dan il-każ, ir-rikkorenti ntavolaw rikors li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 401(6) tal-KAP 386.

Issa, jirriżulta li l-penali fl-ammont globali ta' sebat' elef u sitta u tletin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€7,036.50) dovuti ai termini tar-rendikont li kien anness mal-ittra uffiċjali (a fol 6) huma is-segwenti:

1. Penali fl-ammont ta' mija u ħamsa u sebgħin Ewro (€175) ai termini tal-artikolu 183(10) minħabba li sat-8 t'Ottubru 2021 ma kienux ġew sottomessi l-kontijiet annwali tal-2019;

2. Penali fl-ammont ta' erbat' elef u tlettax -il Ewro (€4,013), ai termini tal-artikolu 183(10) minħabba li sal-4 ta' Novembru 2021 ma kienux ġew sottomessi l-kontijiet annwali tas-snin 2011 sal-2016 u tas-sena 2018;

3. Penali fl-ammont ta' ħames mija u ħamsin Ewro (€550) ai termini tal-artikolu 183(10) minħabba li sas-27 ta' Ottubru 2021 ma kienux ġew sottomessi l-kontijiet annwali tas-sena 2017;

4. Penali fl-ammont ta' mija u sittin Ewro (€160) ai termini tal-artikolu 183(10) minħabba li sas-7 ta' Settembru 2020 ma kienux ġew sottomessi l-kontijiet annwali tas-sena 2018;

5. Penali fl-ammont ta' ħames mija u ħames Ewro (€505) ai termini tal-artikolu 183(10) minħabba li sad-29 ta' Lulju 2020 ma kienux ġew sottomessi l-kontijiet annwali tas-sena 2016;

6. Penali fl-ammont ta' sebgħin Ewro (€70) ai termini tal-artikolu 184(3) minħabba li sat-3 ta' Marzu 2020 ma kinitx ġiet sottomessa l-*Annual Return* tas-sena 2019;

7. Penali fl-ammont ta' elf, ħames mija u tlieta u sittin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€1,563.50) taħt l-artikolu 183(10) minħabba li sas-6 ta' Diċembru 2017 ma kienux ġew sottomessi l-kontijiet annwali tas-snin 2011 sal-2015.

Il-Qorti tosserva *di sua sponte* li l-artikolu hekk kif ċitat f'sitta mis-seba' items, "183(10)" tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta <u>ma jeżistix</u> izda tinnota ukoll illi fil-Hdax il-Skeda tal-Att huwa evidenti illi hemm zball dattilografiku fejn "183(1)" qed taqra "183(10)". Ghal finijiet ta' dawn il-proceduri, il-Qorti tqis illi r-Registratur intimat rriproduca t-*test* kif jinsab fl-Iskeda, imma tenut kont anke d-deskrizzjoni generali tan-nuqqasijiet attribwibbli lir-rikorrenti kif indikati u fil-kuntest tal-ispirtu tal-ligi, partikolarment fil-kuntest tal-artikolu 427 tal-KAP 386, din il-Qorti sejra tqis illi l-izball fil-prospett notifikat lir-rikorrenti mhux wiehed serju bizzejjed biex iwassal ghat-thassir tal-istess avviz jew penali mposti, izda <u>sejra tordna n-notifika ta' din is-sentenza lill-awtoritajiet konceranti sabiex jaraw ghandiex issir l-emenda necessarja sabiex ma jkunx hemm konfuzjoni ulterjuri u nuqqas ta' kjarezza fil-ligi</u>.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi kif gja jinghad, l-*items* kollha fil-prospett, eccetto is-sitt wiehed, jirreferu ghall-istess nuqqas – "*Directors failing to deliver or delivering effective annual accounts etc to Registrar*".

Illi l-Artikolu 183(1) ighid espressament hekk:

> *Id-diretturi ta' kumpanija għandhom jikkonsenjaw lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni kopja tal-kontijiet annwali tal-kumpanija imqiegħda quddiem il-kumpanija f'laqgħa ġenerali kif speċifikat fl-artikolu 181 flimkien ma' kopja tar-rapport tal-awdituri dwarhom, u r-rapport tad-diretturi li jkun mal-kontijiet annwali fi żmien tnejn u erbgħin jum mit-tmiem taż-żmien għat-tqegħid tal-kontijiet annwali preskritt bl-artikolu 182. Meta kopja tal-kontijiet annwali, ir-rapport tal-awdituri u r-rapport tad-diretturi jiġukonsenjati lir-Reġistratur b'xi mezz elettroniku, mingħajr preġudizzju għall-ħtiġiet tal-artikoli 176(3), 178(3) u 179(6), dik il-kopja elettronika għandha tiġi awtentikata skont l-artikolu 82.*

Mill-provi prodotti, ma jirrizultax illi bhal fatt huwa kkontestat illi ma sarux il-konsenji li trid il-ligi fiz-zmien li trid il-ligi. <u>Anzi jidher pacifiku jinghad illi saru kollha tardivament.</u> Dak li jidher illi qed isostnu r-rikorrenti huwa illi kienu fl-impossibilita' illi jikkonsenjaw id-dokumenti lill-MBR fiz-zmien prefiss peress illi l-Bank ma kienx qed jikkoopera billi jipprovdilhom ir-rendikonti tal-finanzjament bankarju u allura l-kontijiet ma' setghux jinghalqu ghaliex l-Awditur tal-kumpannija kellu bzonn tali rendikonti bankarji.

Fil-fatt, il-Qorti trid tosserva illi filwaqt illi r-rikorrent ighid fir-rikors tieghu illi "*l-ittra ufficjali u anke l-avvizi hemm annessi huma bbazati fuq suppozizzjonijiet u konsiderazzjonijiet li huma nfondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt*", inoltre` dikjarazzjoni maghmula bil-gurament, fil-kontro-ezami tieghu huwa ighid jikkonferma illi l-accounts "*bazikament kienu dahhlu minn 2011 sa 2020 kollha fil-15 ta' Frar 2022*". Ma hemmx dubbju f'mohh il-Qorti ghalhekk illi b'ammissjoni tar-rikorrent stess, minkejja dak minnhu dikjarat fir-rikors promotur guramentat, ir-responsabbilitajiet tieghu ta' direttur huwa ma osservhomx.

Ir-rikorrent ighid ukoll fir-rikors promotur guramentat tieghu illi "*huma ma kellu assolutament ebda kontroll fuq in-nuqqas ta' sottomissjonijiet tal-kontijiet annwali stante illi dawn riedu jinhaddmu mill-awditur li jidher illi minhabba nuqqas ta' kooperazzjoni mill-Bank li jissupplixxu d-dokumenti rikjesti ma setghax jikkonkludi*". Irid qabel xejn jigi osservat illi hawnekk hawn dikjarazzjoni cara u skjetta ohra illi l-kontijiet annwali kienu sottomessi tardivament, imma fuq kollox, <u>il-Qorti trid tissottolinea illi r-responsabbilita' finali ghas-sottomissjoni ta' tali dokumentazzjoni tistrieh bil-ligi esklussivament fuq id-direttur u mhux fuq l-Awditur</u>.

Mill-atti jirrizulta illi fl-20 ta' Jannar 2022 giet intavolata l-ittra ufficjali hawnekk kkontestata u <u>erba' t'ijiem wara</u>, ir-rikorrent baghat email (fol 7) lill-awditur li tibda' proprju hekk "***I had been trying to contact you but no reply .....***" u jikkonferma aktar tard "***.... I told them that I had been chasing my auditor for many years to do the audit***". Ulterjorment, jirrizulta mill-istess dokument pprezentat mir-rikorrent illi kiteb lill-awditur tieghu hekk "***MBR send me huge penalties not only on Palm Court Ltd but also on Qawra Inn which I am not going to pay I can't pay anyway as I don't have any funds to pay any penalties***".

Illi dan kollu imur biex jikkontradixxi d-difiza li qed iressqu l-istess rikorrenti f'dawn il-proceduri, u dak li r-rikorrent stqarr mal-awditur tieghu stess, inoltre` bil-miktub mressqa bi prova tieghu stess, tikkontradixxi appuntu d-difiza minnhu hawnekk moghtija meta ighid "***li huwa ma kellu assolutament ebda kontroll fuq in-nuqqas ta' sottomissjoni tal-kontijiet annwali stante li dawn riedu jinhadmu minn l-Awditur li jidher li minhabba nuqqas ta' kooperazzjoni mill-Bank li jissupplixxu d-dokumenti rikjesti ma setghax jikkonkludi***". Dikjarazzjoni din illi r-rikorrenti jirrepetiha bil-gurament in kontro-ezami anke meta kellu f'idejh id-dikjarazzjonijiet tar-rapprezentanti tal-banek, l-istess banek mressqa bhala xhieda tieghu stess, u kif hawn fuq jintqal, huma stess kkonfermaw illi qatt ma kien hemm problemi biex il-Banek jaghtu r-rendikonti lill-klijenti taghhom ghaliex dak huwa dritt taghhom u anzi jistghu anke jaccessawhom minn fuq l-internet.

Fuq kollox lanqas ma r-rikorrent ressaq xi prova illi huwa, ghal kull buon fini, kien qed jgharraf lir-Registratur intimat bil-problema li allegatament kellu. Mhux talli ma hax hsieb, qua direttur, illi jissottometti l-atti skond il-ligi, talli lanqas jirrizulta illi gharraf lir-Registratur intimat bl-allegati diffikultajiet li ighid illi kien qieghed jirriskontra. Jidher illi r-rikorrent ha azzjoni biss fil-mument illi kien rinfaccjat bil-penali mposti mir-Registratur intimat skond u kif trid il-ligi, dwar liema penali, huwa iddikjara bil-mitub illi ma kienx ser ihallas.

**Il-Qorti ma tistghax ma tikkumentax illi hija konvinta illi din l-odjerna procedura tressqet BISS biex ir-rikorrenti jittentaw jiskolpaw l-obbligu taghhom tal-hlas minnhom dovut. Dan jikkawza biss hela ta' hin ghall-Qrati u l-ufficjali taghha. Proceduri inutili, fiergha u vessatorji bhal din odjerna tkompli tpoggi aktar piz, b'mod kapriccjuz, fuq ir-rizorsi gja limitati tal-Qrati taghna, u din il-Qorti, dan ma taccettax illi jsehh.**

**Fid-dawl ta' dan, il-Qorti qeghda ccanfar lir-rikorrenti li ressqu dawn il-proceduri inutili u li bil-provi taghhom stess, ikkontradixxew id-**

**dikjarazzjonijiet guramentati minnhom maghmula mal-ftuh ta' dawn il-proceduri. F'dan ir-rigward ghalhekk il-Qorti sejra timponi dak li jghid l-Artikolu 10(1) ta' Skeda A, Tarriffa A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

> *Il-Qorti tista', meta tagħti s-sentenza, tordna li l-attur jew l-konvenut f'kawża, jħallas spejjeż addizzjonali lir-Reġistratur tal-Qrati f'ammont ta' mhux anqas minn €500 u mhux iżjed minn €3,000, jekk il-Qorti jidhrilha li l-att tal-proċedura li bih inbdiet il-kawża jew l-att tal-proċedura b' risposta kienu fiergħa jew vessatorji, jew li xi waħda mill-partijiet tkun tawlet il-proċeduri mingħajr bżonn, u f'dan il-każ din is-somma ma tkunx tista' tintalab lura mill-parti l-oħra.*

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Fir-rigward tas-sitt item, il-penali ta' sebgħin Ewro (€70) ai termini tal-artikolu 184(3) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid testwalment hekk:

> *(3) Fin-nuqqas ta' tħaris tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, kull uffiċjal tal-kumpanija li jkun naqas jista' jkun suġġett għal penali, u, għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali oħra.*

Il-Qorti ma ghandiex wisq xi tghid, u r-Registratur impona dik il-penali fil-limiti tad-drittijiet tieghu kif timponi il-ligi.

**Il-Qorti trid tiehu l-okkazjoni biex tghid u tirriafferma illi filwaqt illi kull penali mposta mir-Registratur intimat ai termini tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta ghandha tkun skond il-ligi, b'rispett shih lejn id-drittijiet ta' min ikun soggett ghal tali penalitajiet, b'dana kollu kull kumpannija u kull ufficjali ta' kull kumpannija ghandu jara illi jkun rigoruz fit-tharis tal-obbligi legali tieghu mar-Registratur kif trid il-ligi, mhux lanqas id-diretturi, peress illi r-Registratur ghandu d-dritt, anzi l-obbligu, illi jassigura illi jinzamm Registru tas-socjetajiet nadif u skond il-ligi, b'dan illi min jonqos ikun irid mhux biss jottempra ruhu, izda jaffaccja l-konsegwenzi bhal ma huma l-penalitjiet.**

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, il-Qorti qed tghaddi biex **tichad** it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors tieghu tat-8 ta' Frar 2022.

L-ispejjeż ikunu a kariku tar-rikorrent u bl-applikabilita' tal-Artikolu 10(1) tal-iSkeda A, Tarriffa A tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, il-Qorti qed tordna lir-Rikorrent ihallas lir-Registratur tal-Qorti spejjes addizzjonali fl-ammont minimu kif permess, cioe` ta' hames mitt Euro (*€500)*.

**Il-Qorti qed tordna illi kopja ta' din id-decizjoni tigi notifikata lill-Ministru responsabbli mill-Ufficju tal-MBR sabiex jiehu nota ta' dak li jidher illi huwa zball dattilografiku fil-Hdax il-Skeda tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta, kif hawn fuq jinghad, u jghaddi, jekk ihoss opportun, sabiex jiehu l-passi biex tali diskrepanza/zball/anomalija tigi mnehhija mill-ligi taghna.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**